



Brussell, 8 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)

6692/21
ADD 4

CODEC 306
RECH 83
COMPET 147
IND 48
MI 131
EDUC 69
TELECOM 86
ENER 61
ENV 117
REGIO 32
AGRI 107
TRANS 110
SAN 103
CADREFIN 111
IA 30

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (l-ewwel qari) Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni dwar l-Art. 5

Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-kompromess milħuq mill-koleġislaturi dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 5. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-programm speċifiku dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża msemmi fl-Artikolu 1(2)(c) huwa limitat biss għall-azzjonijiet ta' riċerka fl-ambitu tal-Fond Ewropew għad-Difiża futur filwaqt li l-azzjonijiet ta' żvilupp huma kkunsidrati barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem dwar l-Art. 16.1.d

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-tieni subparagrafu tiegħu "L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali, li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu." Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-inklużjoni tar-"rispett tad-drittijiet tal-bniedem" fis-sett ta' kriterji li għandhom jiġu ssodisfati minn pajjiżi terzi sabiex ikunu eliġibbli għal assoċjazzjoni mal-Programm skont il-punt d) tal-Artikolu 16(1). L-ebda programm ieħor tal-UE għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur ma ra l-ħtieġa li jinkludi tali referenza espliċita, filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-UE qed tfittex li ssegwi approċċ konsistenti fir-relazzjonijiet esterni tagħha ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-istrumenti u fl-oqsma ta' politika kollha tagħha, u li għandu jiggwida din id-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

Dikjarazzjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali

Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kunsill, li hija se tikkunsidra kif xieraq, b'mod konsistenti mat-Trattat, mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u mal-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali, meta tikkonsulta l-komitat speċjali skont l-Artikolu 218(4) tat-TFUE.
